MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 235/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Sant (ID789260M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Mario Sant**

**vs**

**Charlotte Triquet (Passaport Nru.503000-Franza)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u tmienja u tletin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm1138.91) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-25 ta' Gunju, 2004 f'St Paul Street, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-numru BAK 993 misjuqa mil-konvenuta, u l-vettura numru JAC 129 misjuqa minnu propjeta ta' l-assikuratat tas-socjeta`**

**attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza comprehensive mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperzja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**

**Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.**

**l-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25) excess imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Mario Sant, li kien assikurat taht polza comprehensive mas-socjeta` attrici.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 t'Ottubru, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghax pagabbli mit-18 t'Ottubru, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tad-difensur tal-konvenuta dwar li meta saret in-notifika din kienet imsiefra. F'dan il-kuntest ma ngiebet ebda prova bhala konferma tal-istess.**

**Fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2005, id-difensur tal-konvenuta ddikjarat li qed jikkontesta t-talba attrici, pero ma gietx pprezentata risposta.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fid-19 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra l- l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici GasanMamo Insurance Limited is-**

**somma ta' elf mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm1113.91), u lill-attur Mario Sant is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet mit-18 t'Ottubru, 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 t'Ottubru, 2004 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------